MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tad-29 ta' April, 2004

Talba Numru. 366/2004

**Mirage Holdings Limited**

**Vs**

**Carmela Galea**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta’ attrici talbet il-hlas tas-somma ta’ Lm146.00c (mija w erbgha u sittin lira Maltin) rapprezentanti in kwantu ghas-somma ta’ Lm125.00c (mija u hamsa u ghoxrin lira Maltin) bhala import ta’ hames (5) kambjali li d-data ta’ maturita’ taghhom skadiet, in kwantu ghas-somma ta’ Lm15.00c (hmistax-il lira Maltin) bhala prezz ta’ merkanzija mibjugha u kkonsenjata lill-konvenuta u in kwantu ghas-somma ta’ Lm6.00c (sitt liri Maltin) bhala imghax legali fuq l-istess sad-data tal-prezentatata ta’ l-Avviz tat-talba.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-

terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-atti tal-kawza u sema’ lil Dr Philip Magri li kkonferma li l-ammont ghadu dovut;

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas is-somma ta’ Lm146.00c (mija u sitta w erbghin lira Maltin), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------